MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 188/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Ivan Fava**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Fava detentur tal-karta tal-identita` numru 295276(M).
Akkuzat talli fis-27 ta’ Mejju 2009 jew fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer;
Ikkorrompa lil Francis Catania, ufficcjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u rega' ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat illi fiz-zmien meta wettaq ir-reat, l-imputat kellu problema serja ta' drogi li sa issa hareg minnha kif jixhed dokument immarkat Dok YF3.

Rat li ghalkemm l-imputat ghandu addebitu tar-recediva, huwa kien hallas il-multa pjenament tant li l-kondotta tieghu hija llum il-gurnata nadifa (Dok IF2).

Ghaldaqstant u wara li rat l-Artikoli 17(H), 52, 115(c), 120(1), 42(D), 185(1) u 121A(2) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imuptat Ivan Fava hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief dik tar-recediva kif hawn fuq spjegat u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------